MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2012

Numru. 114/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Grazia Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmija Grazia Attard, bint Benigno Galea u Guzeppa neé Spiteri, imwielda fit-13 ta' Ottubru 1957 u residenti fil-fond GraceMar, Triq is-Sajjieda, Fontana, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' numru 55357(G) li giet akkuzata talli nhar it-3 ta' Jannar 2011 ghal habta ta' 09:30hrs minn gor-

residenza taghha li tinsab GraceMar, Triq is-Sajjieda, Fontana, Ghawdex;

1. Insulentat, heddet jew ingurjat bi kliem jew b'modi ohra lil Angolina Cardona;

2. Kif ukoll kisret obbligazzjoni moghtija lilha taht l-Art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex nhar it-23 ta' Frar 2010;

3. U aktar talli saret recediva mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex preseduta mill-Magt. Dr. E. Grima LL.D. moghtija nhar it-23 ta' Frar 2010 liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tigi mhassra;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat**

Illi ma jirrizultax mill-provi prodotti, u dana b'mod specjali mix-xiehda moghtija mill-espert Max Xuereb f'dawn il-proceduri, li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata huma ppruvati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputata mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------